*Irkejjen storiċi*

# It-tempju ta' Erkole f'Malta

*minn Vincent Zammit*

Matul il-medda tas-snin fil-gżejjer Maltin kien ġew diversi qawwiet minn madwar il-Mediterran. Barra minhekk kien hemm poteri bħall-Ingilterra, li għalkemm ma kinux mill-istess Baħar Mediterran, xorta waħda kellhom l-interess f'dawn l-inħawi.

Prattikament kull wieħed minn dawn il-qawwiet ħalla xi fdalijiet warajh.

### Iċ-ċippus

Kull Malti suppost jaf li fil-gżejjer Maltin kienu nstabu biċċtejn monumenti li saru ferm importanti minħabba l-istess kitba li nsibu fuqhom. Dawn huma magħrufa bl-isem ta' 'ċippi' u l-iskrizzjoni li hemm fuqhom tgħidilna ħafna affarijiet u dettalji interessanti. Ejjew nippruvaw naraw dawn iż-żewġ monumenti, mill-qrib.

L-ewwelnett nistaqsu xi mistoqsijiet. Fejn instabu u meta? Sas-snin sittin ta' dan is-seklu kulħadd kien jgħid li dawn iż-żewġ fdalijiet tat-tempju antik, kien dedikat lill-alla Erkole. Dan id-dettal kien jingħad minħabba li sa madwar tletin sena ilu t-tradizzjoni kienet tgħidilna li t-tempju kien jinstab f'dawn l-inħawi, u barra minhekk l-iskrizzjoni fuq dawn il-fdalijiet kienet issemmi t-tempju ta' Erkole.

Minħabba li mill-iskavi li saru fil-post magħruf bħala Tas-Silġ, f'Marsaxlokk, kienu nstabu diversi biċċiet tal-fuħħar li kienu jsemmu l-ismijiet ta' allat nisa, allura t-teorija li kien hemm qabel, li hawnhekk kien jinstab it-tempju ta' Erkole, kellha taqa'. Il-mistoqsija l-oħra għalhekk tkun — fejn instabu?

Iżda minflok ma nitkellmu, għalissa fejn instabu, naħseb li jkun tajjeb jekk nagħtu ftit informazzjoni dwar l-istess ċippi. Dawn għandhom bażi kwadra, fuq l-istess bażi hemm imbagħad skrizzjoni. Din hi ferm importanti minħabba l-fatt li hi miktuba bl-alfabet feniċju, u mbagħad hemm ukoll traduzzjoni bil-Grieg.

Iż-żewġ monumenti għandhom l-istess skrizzjoni. Fuq din l-istess bażi hemm imbagħad bħal kolonna, li m'hix taqdi l-funzjoni ta' kolonna kif nifhmuha aħna. Fil-parti ta' isfel hi aktar wiesgħa minn fuq. Barra minhekk id-dawra tal-parti ta' isfel hi mżejna b'weraq skolpit fuqha. Dan il-weraq hu maħsub li qed juri l-ħaxixa ħannewija, li bl-Ingliż hi magħrufa bħala *acanthus.*

Minħabba li dan il-monument jinsab imkisser, hemm min jaħseb li setgħet kienet tagħmel parti minn xi kolonna. Iżda jidher li aktar tagħmel sens li hawnhekk għandna kandelabra, fejn il-parti ta' fuq kellha bħal platt fejn jinħaraq l-inċens, bħala offerta lil alla Erkole. Fuq kollox, il-fdalijiet ta' dawn il-kandelabri jindikaw żgur li fil-gżejjer Maltin kien hawn tempju dedikat lil dan l-alla.

La semmejna l-bażi ta' dawn il-fdalijiet, tajjeb li nkomplu nitkellmu dwarhom minħabba l-fatt li din għandha ċertu importanza wkoll. L-iskrizzjoni tgħid hekk:

*Lil Melqart sidna, sid il-belt ta' Tiru,*

*Għamel din il-wegħda*

*Abdasar ma' ħuh Aserkemor*

*It-tnejn ulied Asirxehor bin Abdasar*

*Jisma' kliemhom u jberikhom.*

Rigward is-sena meta nstabu hemm min jgħid li fis-sena 1694, fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann. Iżda reċentement, hemm min jaħseb li jista' jkun li l-ewwel darba li ssemmew il-kandelabri kien fis-sena 1732.

Għalkemm m'hux daqshekk faċli li wieħed jasal għal xi konklużjoni eżatta dwar is-sena tas-sejba tagħhom, hu fatt li madwar is-sena 1780, il-Gran Mastru de Rohan kien irregala wieħed minn dawn il-kandelabri lir-Re ta' Franza, Wiġi XVI. Fil-fatt dan illum jinsab fil-kollezzjoni nazzjonali Franċiża li hemm fil-Louvre.

### It-tempju ta' Erkole

La tkellimna fuq il-kandelabri u semmejna li għandhom dedikazzjoni miktuba lil alla Erkole, allura wieħed jifhem li se nkunu nafu wkoll fejn jinsab dan it-tempju. Iżda sa llum għadna ma nistgħux nikkonfermaw eżattament fejn kien jinstab dan it-tempju.

Il-preżenza tiegħu hi magħrufa minn din l-iskrizzjoni, apparti l-fatt li kien issemma mill-ġeografu Ptolomew.

Dan kiteb estensivament dwar il-ġeografija tal-Mediterran. Fil-kitba tiegħu hu irrefera għal Malta, u kien hemmhekk li hu tana l-informazzjoni dwar il-bliet u t-tempji li kien hawn fit-tieni seklu wara Kristu. Barra minhekk jagħti indikazzjonijiet fejn kien jinstab it-tempju ta' Erkole. Iżda minn tiftix li sar, jindika li l-qagħda li offra Ptolomew kienet twassal x'imkien fil-baħar bejn Malta u Filfla.

Biss, diversi kittieba antiki Maltin, kienu jemmnu li fejn illum insibu l-Forti Sant'Anġlu, kien hemm fl-antik it-tempju ta' l-alla Juno. Naturalment dan kollu kien waqa' hekk kif fis-snin sittin, il-grupp ta' arkeologi Taljani kienu bdew iħaffru fl-inħawi tas-Silġ u kkonfermaw li t-tempju lil din l-alla mara kien fil-verità jinsab hemmhekk. Għalhekk malajr inbidlet id-dedikazzjoni u spiċċa t-twemmin li f'dawn l-inħawi kien hawn it-tempju ta' Erkole. Iżda hemm raġuni għala t-tempju dedikat lil Erkole għandu jkun imfittex fl-inħawi tal-Port il-Kbir?

Skond l-aħħar studju, dan m'għandux ikun. Hemm diversi indikazzjonijiet li jgħidulna li m'hux tassew li fil-post fejn illum hemm il-Forti Sant'Anġlu u l-Birgu kien hemm xi bini klassiku. Barra minhekk hemm min jaħseb ukoll li l-fdalijiet ta'



*Il-Forti Sant'Anġlu fejn jingħad li jista' jkun hemm it-tempju ta' Erkole. (Ritratt ta' Malta this Month)*

bini antik, li hu maħsub li jmur lura għal żmien il-Feniċi, u li nsibu fiż-Żurrieq, jista' jkun li huma l-fdalijiet tat-tempju ta' Erkole. Oħrajn, li għamlu studju fuq il-koordinamenti li kiteb Ptolomew, jaħsbu li t-tempju ta' Erkole kien f'dawn l-inħawi.

Minn dan kollu għalhekk naslu għall-konklużjoni kemmxejn xotta. Meta wieħed isemmi l-kandelabri, jew iċ-ċippus li nstabu tnejn minnhom hawn Malta, ma nistgħux nitkellmu dwar post partikulari fejn dawn setgħu nstabu.

Dan minħabba l-fatt li l-fdalijiet tat-tempju ta' Erkole għadhom ma nstabux. Għalhekk għadna ma nistgħux nitkellmu dwar fejn kien jinstab it-tempju ta' Erkole fi żmien il-perijodu klassiku.